**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Peter Hili**

**Kumpilazzjoni Numru: 927/13**

**Illum, 22 ta' Jannar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Peter Hili detentur tal-karta tal-identita` numru 173093M gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-01 ta' Ottubru 2011 ghal habta tas-02:00a.m fi Triq Sant'Andrija, Swieqi u /jew fil-vicinanzi:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolarmenti kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Matthew Farrugia, David Camilleri u David Galea u dan ai termini tal-artikolu 226(1)(a) u 226(1)(b) tal-Kap. 9;

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolarmenti kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Giulio Sammut u dan ai termini tal-artikolu 226(1)(c) tal-Kap. 9;

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura b'numru ta' registrazzjoni HIL193 ta' l-ghamla Landrover b'mod perikoluz, traskurat u negligenti u dan ai termini ghal Artiklu 15(1)(a), (2)(3) Kap 65.

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura numru ta' registrazzjoni HIL193 ta' l-ghamla Landrover b'majiera eccessiva u dan ai termini tal-artikolu 127 ta' L.S 65.11

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' April elfejn u hmistax (2015) fejn intalab li tinstab htija kontra l-imputat taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi u cioe':-

Fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-Artikoli 226(1)(a), 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-Artikoli 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-Artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-Artikolu 127 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat** illi mill-provi prodotti johrog illi nhar id-disa' (9) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) l-imputat kien qed isuq vettura tal-ghamla Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni HIL 193 flimkien ma' shabu Giulio Sammut, Matthew Farrugia, David Camilleri u David Galea u kienu involuti f'incident awtomobilistiku fi Triq Sant Andrija, Swieqi.

Illi minn dan l-incident Matthew Farrugia, David Galea u David Camilleri gew iccertifikati li kienu qed isofru minn griehi gravi u Giulio Sammut kellu biss griehi hfief.

Illi dwar id-dinamika tal-incident u fuq il-manjiera tas-sewqan tal-imputat jinghad illi x-xhieda kollha jghidu illi l-imputat kien qed isuq b'mod normali meta waslu f'kurva u peress li kienet gejja karrozza ohra fid-direzzjoni opposta, l-imputat ghamel manuvra biex jidhol il-gewwa u peress li t-triq kienet imxarrba dawn inqallbu.

Dawn jghidu wkoll illi l-imputat ma kienx qed isuq b'xi velocita' u ghalhekk l-incident sar minhabba l-fatt illi meta dan ghamel il-manuvra biex jidhol il-gewwa, u peress li kienu f'kurva u l-art kienet imxarrba flimkien mal-fatt li l-karrozza hija tqila min-naha ta' fuq dawn inqallbu. Illi mill-provi prodotti illi Matthew Farrugia fieq kompletament mill-griehi li kellu u li ma kellux xejn serju izda kif sejjhilhom hu *mild scratches*. Illi jirrizulta wkoll illi ma jezistux l-estremitajiet tal-Artikolu 226 a rigward David Galea stante li dan ma damx aktar minn ftit jiem l-isptar hekk kif iccertifika anke Dr. Ray Gatt.

Illi l-Qorti semghet ir-rinzunzji min-naha ta' Giulio Sammut, ta' David Galea u anke ta' Matthew Farrugia ghall-azzjoni fil-konfront tal-imputat Peter Hili.

Illi fuq il-griehi ta' David Cammilleri jirrizulta li kienu gravi izda pero' li fiequ kompletament izda xorta wahda Dr. Ray Briffa kkonkluda li dan kellu disa' fil-mija (9%) dizabilita' peress li kien ghad ghandu xi *scars* fuq l-id vicin l-ispalla. Izda jekk wiehed jara x'xehed David Camilleri, allavolja huwa ma rrinunzjax sa fejn hu rrinunzjabbli, dan qal illi l-imputat kien qed isuq b'mod normali u kkonferma dak kollu li kienu qalu l-passiggiera l-ohra qablu.

Illi allura din il-Qorti thoss illi ghalkemm David Camilleri garrab griehi gravi u li allura ma kienx hemm rinunzja tal-akkuzi, xorta wahda thoss li l-akkuzi ma gewx ippruvati u dan ghaliex ma giex ippruvat illi l-imputat naqas milli josserva xi regolamenti fis-sewqan jew li kien qieghed isuq b'mod traskurat, bla kont jew perikoluz jew li kien negligenti jew li kien qed isuq b'mod eccessiv.

Ghalhekk din il-Qorti thoss li dan kien incident sfortunat li ma giex ikkagunat minhabba xi nuqqasijiet da parti tal-imputat Peter Hili.

Ghal dawn il-motivi ma ssibix lill-imputat Peter Hili hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom stante li ma gewx ippruvati.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**